

Opinjoni tal- Kumitat tar-Regġuni dwar Il-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Regġuni dwar il-Ġejjieni tal-Politika Regolatorja Awdjoviżiva Ewropea

(2004/C 318/09)

IL-KUMITAT TAR-REGĠUNI,

Wara li kkunsidra l-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni lill-Kunsill, lill-Parlament Ewropew, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali u l-Kumitat tar-Regġuni dwar il-Ġejjieni tal-Politika Regolatorja Awdjoviżiva Ewropea (COM (2003) 784 finali);

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea tal-15 ta' Diċembru 2004 li tikkonsultah dwar dan is-suġġett, skond l-ewwel paragrafu ta' l-Artikolu 265 tat-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea;

Wara li kkunsidra d-Deċiżjoni tal-President tiegħu tal-5 ta' April 2004 li jitlob lill-Kummissjoni għall-Kultura u l-Edukazzjoni biex tħejji Opinjoni dwar dan is-suġġett;

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tiegħu dwar Ċerti aspetti legali marbuta ma' xogħolijiet ċinematografiċi u awdjoviżivi oħra (Certain legal aspects relating to cinematographic and other audiovisual works) (CdR 387/2001 fin) ⁽¹⁾;

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tiegħu dwar Ir-Raba' Rapport mill-Kummissjoni dwar it-thaddim tad-Direttiva 89/553/KEE "It-Televiżjoni mingħajr Fruntieri" (Fourth Report from the Commission on the application of Directive 89/553/EEC "Television Without Frontiers") (CdR 90/2003 fin) ⁽²⁾;

Wara li kkunsidra l-Opinjoni tiegħu dwar Il-Komunikat dwar l-Ostakli għal aċċess b'firxa wiesha' għas-servizzi godda u applikazzjonijiet tas-soċjetà ta' l-informazzjoni permezz ta' pjattaformi miftuħa fit-televiżjoni diġitali u t-trasmissjonijiet mobbli tat-tielet ġenerazzjoni u l-Komunikat dwar l-qlib mix-xandir analogiku għal dak diġitali: (mill-qlib lejn id-diġitali għat-tifi analogiku) (Barriers to widespread access to new services and applications of the information society through open platforms in digital television and third generation mobile communications and the Communication on the transition from analogue to digital broadcasting: (from digital "switchover" to analogue "switch-off")) (CdR 308/2003 fin);

Wara li kkunsidra l-abbozz ta' Opinjoni (CdR 67/2004 Rev.1) mħaddan mill-Kummissjoni għall-Kultura u l-Edukazzjoni tal-KtR fil-5 ta' April 2004 (rapporteur: Is-Sur Dieter Schiffmann, Membru, Rheinland-Palatinat Landtag (DE-PES));

adotta b'mod unanimu l-Opinjoni li ġejja fis-sessjoni plenarja Nru 55, tas-16 u s-17 ta' Ġunju 2004 (laqgħa tas-17 ta' Ġunju);

1. Il-fehmiet tal-Kumitat tar-Regġuni

Il-Kumitat tar-Regġuni

1.1 jagħraf ir-rwol ċentrali tal-mezzi awdjoviżivi fl-iżvilupp ta' soċjetà pluralistika fl-Ewropa, il-ħarsien ta' l-identità reġjonali u lokali u l-iżvilupp tad-drittijiet ċivili mgħożża demokratika-ment;

1.2 jisħaq l-għan li jiġi adattat il-qafas legali għall-mezzi awdjoviżivi b'mod illi jwassal lejn – u jħeġġeġ – l-iżvilupp pożittiv tagħhom, kif inhu xieraq minħabba d-dmir prinċipali tagħhom;

1.3 jagħraf il-ħtieġa wkoll li jitqiesu għanijiet oħra ta' importanza kapitali ta' interess ġenerali marbuta mar-regolamentazzjoni tas-settur awdjoviżiv, bħal-liġi tal-kompetizzjoni, il-ħarsien tal-konsumatur u t-telekomunikazzjoni, u jilqa' tajjeb il-fatt li l-Kummissjoni ħadet din l-opportunità biex tħejji komunikazzjoni dwar aktar żvilupp tal-politika regolatorja Ewropea fis-settur kollu awdjoviżiv;

1.4 jqis li hu ta' ħtieġa, b'mod partikolari bit-tkabbir imminenti ta' l-UE, li jiġi ċċarat il-qafas legali li jirregola l-politika awdjoviżiva u li jitħejja l-orarju għall-iżvilupp tiegħu, sabiex, inter alia, il-pajjiżi li se jissiehu jkollhom l-akbar ċertezza legali possibbli fi stadju bikri;

1.5 jara opportunitajiet kbar għal aktar żvilupp tas-settur awdjoviżiv fl-innovazzjonijiet tekniċi li dejjem jiżdiedu (eż. televiżjonijiet bl-iskrin ċatt), u jenfasizza l-ħtieġa li dan jidher fil-qafas tal-ġejjieni;

1.6 japprova – u jisħaq – fl-essenza tagħhom il-prinċipji tal-Kummissjoni għal qafas regolatorju fis-settur awdjoviżiv;

1.7 jaqbel fil-qofol mal-ġudizzju pożittiv tad-Direttiva Televiżjoni mingħajr Fruntieri (Television without Frontiers) (Direttiva TVMF) bħala qafas legali sod u żgur għas-servizzi televiżivi fi ħdan il-komunità li, fil-qofol tagħha, żgurat iċ-ċirkolazzjoni ħielsa tas-servizzi tax-xandir bit-televiżjoni fi ħdan il-Komunità, u jiġbed l-attenzjoni lejn il-Opinjoni tiegħu dwar is-suġġett (CdR 90/2003 fin);

⁽¹⁾ ĠU C 192, 12.8.2002, p. 15.

⁽²⁾ ĠU C 256, 24.10.2003, p. 79.

1.8 jenfasizza l-importanza tal-prinċipju tal-pajjiż ta' oriġini bħala prinċipju bażiku tas-suq ewlieni fis-settur awdjoviżiv, iżda jaqsam ma' ħaddieħor il-biża' mlissna matul l-eżerċizzju ta' konsultazzjoni li, minħabba d-diversità tal-liġijiet nazzjonali, ix-xandâra jistgħu jfittxu dak l-Istat Membru li għandu l-anqas leġiżlazzjoni iebes;

1.9 jaqbel mal-Kummissjoni fl-Opinjoni tagħha li jista' jkun hemm il-ħtieġa ta' ħarsa mill-ġdid u fil-fond tad-direttiva TVMF biex wieħed jagħraf it-tibdil;

1.10 fid-dawl ta' l-iżviluppi u t-tibdiliet li saru fis-suq awdjoviżiv fil-frattemp, xtaq għalhekk jara' inizjattiva fil-pront u komprensiva tal-Kummissjoni biex tinħadem mill-ġdid id-Direttiva TVMF f-qafas legali Ewropew koerenti għat-tixrid ta' materjal awdjoviżiv, li jista' jipprovdi għal gradi differenti ta' regolamentazzjoni għas-servizzi li huma suġġetti għad-direttiva TVMF u għas-servizzi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni.

1.11 jqis li kwistjonijiet oħra marbuta mat-tħaddim tad-direttiva TVMF m'għandhomx jiġu ndirizzati permezz ta' komunikazzjonijiet interpretattivi iżda permezz ta' ħidma fil-pront u mill-ġdid tad-direttiva nnifsha biex tinkiseb ċ-ċertezza legali meħtieġa;

1.12 jenfasizza l-importanza li jitħarsu r-regoli ta' kompetizzjoni fil-politika awdjoviżiva;

1.13 jisħaq ir-responsabbiltà taż-żamma u ta' aktar żvilupp tal-pluraliżmu fil-mezzi ta' komunikazzjoni fl-Ewropa, l-Istati Membri ta' l-UE u r-reġjuni Ewropej;

1.14 jenfasizza l-ħtieġa ta' qafas legali għas-servizzi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni bħall-kummerċ elettroniku u l-aċċess għas-servizzi ġodda u, minħabba l-ħtieġa ta' gradi differenti ta' regolamentazzjoni, bi pjaċir jinnota li l-Kummissjoni m'għandha ebda ntenzjoni li ddaħħal fil-kwistjoni d-distinzjoni bejn servizzi tas-soċjetà ta' l-informazzjoni u servizzi soġġetti għad-direttiva TVMF;

1.15 jenfasizza l-ħtieġa ta' qlib faċli għall-konsumatur mix-xandir analoġiku għal dak diġitali u jiġbed l-attenzjoni lejn il-Opinjoni tiegħu dwar dan is-suġġett (CdR 308/2003 fin);

1.16 jenfasizza l-importanza kbira tad-dritt għall-informazzjoni bħala dritt personali li jgawdu ċ-ċittadini Ewropej, u bi pjaċir jinnota li, bħala parti mill-eżerċizzju ta' konsultazzjoni, il-Kummissjoni tindirizza l-kwistjoni tad-dritt għall-informazzjoni fuq ġrajjiet ta' mportanza kbira għas-soċjetà u tqis li l-kwistjoni teħtieġ aktar attenzjoni;

1.17 jisħaq ir-rwol prinċipali ta' appoġġ għall-films reġjonali u jemmen fis-sħiħ li l-produzzjoni awdjoviżiva lokali u reġjonali qed ssir aktar importanti, u flimkien mal-produzzjoni nazzjonali tpatti għall-produzzjonijiet mhux Ewropej;

1.18 jisħaq il-ħtieġa ta' ħidma għall-avvanz tal-prodotti Ewropej, u jqis li l-appoġġ biex dawn il-prodotti ta' produttori indipendenti jiddaħħlu fl-iskedi ta' programmi jgħin ħafna biex jinġiebu 'il quddiem xenarju awdjoviżiv Ewropew varjat u huwa wkoll mod partikolarment xieraq biex tħares u tagħti prominenza lill-patrimonju lokali u reġjonali varjat ta' l-Ewropa; ma jħossx, iżda, li r-regola tal-kwota li hemm s'issa hija xierqa għal dan il-għan;

1.19 jisħaq il-ħtieġa għal regoli kwalitattivi u kwantitattivi bilanċjati dwar ir-reklamar;

1.20 jilqa' l-ħeġġa tal-Kummissjoni li tagħti ħarsa mill-ġdid lejn ir-rakkomandazzjoni dwar il-ħarsien ta' minuri u d-dinjità tal-bniedem;

1.21 jqis li l-jedd ta' tweġiba huwa element prinċipali fil-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem u l-libertà tal-kelma, u jilqa' l-pjan biex dan il-jedd jitwessa' għall-mezzi kollha;

1.22 jilqa' l-intenzjoni tal-Kummissjoni li taġġorna r-rakkomandazzjoni dwar il-ħarsien ta' minuri u d-dinjità tal-bniedem, bil-qofol ta' l-attenzjoni fuq li wieħed juża tajjeb il-mezzi tax-xandir, il-jedd ta' tweġiba, u miżuri kontra d-diskriminazzjoni jew it-tixwix għall-mibegħda fil-mezzi kollha online;

1.23 jagħraf il-ħtieġa ta' mudelli ta' ko- u awto-regolamentazzjoni fl-Istati Membri individwali, li jipprovdu skop biex jintwerew l-karatteristiċi ewlenin nazzjonali u reġjonali; fl-istess ħin, iżda, jappoġġja wkoll il-pjan li jitħejja studju ta' mudelli ko-regolatorji fis-settur tal-mezzi ta' komunikazzjoni biex jiġi eżaminat l-effett tagħhom u l-kompatibilità mal-qafas legali Ewropew.

1.24 jisħaq il-ħtieġa, li l-Komunità tibqa' tħares il-mudell awdjoviżiv Ewropew anke fuq livell internazzjonali, skond in-negozjati mal-WTO.

2. Ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tar-Reġjuni

Il-Kumitat tar-Reġjuni

2.1 jirrakkomanda li ssir ħarsa mill-ġdid u ħidma fil-pront għad-direttiva TVMF biex tidħol ċ-ċertezza legali meħtieġa, b'mod partikolari għall-pajjiżi ta' aċċessjoni, u biex tithadden id-direttiva dwar l-iżvilupp tekniku li dejjem jiżdid;

2.2 jirrakkomanda li, fil-ħidma mill-ġdid għad-direttiva TVMF u l-kondizzjonijiet ġenerali l-oħra li jirregolaw is-settur awdjoviżiv, għandu jittieħed kont – u jingħata appoġġ – lir-rwol prinċipali tal-mezzi u l-produzzjonijiet awdjoviżivi fl-iżvilupp u t-tkabbir ta' l-identità lokali u reġjonali. Għalhekk, il-konċentrazzjoni qawwija ta' din l-industrija għandha tonqos u/jew tkun ikkompensata fuq livell nazzjonali u internazzjonali;

2.3 jirrakkomanda li, fid-dawl tal-konverġenza li qiegħda dejjem tiżdied tal-mezzi tax-xandir, il-qafas legali għandu jinqasam skond il-kontenut ta' produzzjoni, tkun xi tkun il-pjattaforma teknika;

2.4 isostni ż-żamma tar-regoli kwalitattivi kurrenti fuq ir-rikliamar, b'mod partikolari fir-rigward tal-ħarsien tat-tfal u l-minuri u d-distinzjoni bejn il-kontenut ta' reklamar u dak editorjali;

2.5 jixtieq jirrakkomanda iżda, li filwaqt li wieħed għandu jżomm quddiem għajnejh l-għażla u l-kontroll li dejjem jiżdiedu għal min juża s-servizz, tingħata aktar konsiderazzjoni li r-regoli kwantitattivi fuq ir-reklamar isiru aktar flessibbli, jekk xejn quddiem l-isfond tat-tkabbir ta' l-UE, biex jingħata sinjal ta' tnaqqis ta' burokrazija;

2.6 jirrakkomanda li r-regoli tar-reklamar għandhom ukoll japplikaw għal teknika ġdida bħall-iskrin maqsum minn nofs, reklamar virtwali u interattiv, u li għandhom jidħlu dispożizzjonijiet xierqa biex tinżamm id-distinzjoni ċara bejn kontenut editorjali u reklamar, b'hekk toħroġ ċara l-qagħda legali li tirrigwarda l-użu tat-teknika tar-rikliamar ta' dan it-tip;

2.7 jilqa' l-fatt li aktar u aktar oqsma regolatorji marbuta ma' dan, bħall-politika tal-kompetizzjoni, il-ħarsien tad-drittijiet ta' l-awtur u l-ħarsien tal-konsumatur qed jitqiesu wkoll fl-ambitu tal-politika awdjoviżiva u d-direttiva TVMF, u jirrakkomanda li l-leġislazzjoni tal-ġejjieni għandha tirrifletti dejjem aktar dawn l-interrelazzjonijiet;

2.8 jenfasizza, partikolarment fil-każ ta' l-għaxar Stati Membri ġodda li ser jingħaqdu ma' l-Unjoni, li għandha tittieħed azzjoni biex tiżgura li r-regoli dwar it-tħaris ta' minuri u d-dinjità tal-bniedem jitħaddmu b'mod konsistenti fis-settur kollu awdjoviżiv;

2.9 jirrakkomanda għalhekk, fil-proposta mħabbra fil-komunikat li jaġġorna r-rakkomandazzjoni dwar il-ħarsien ta' minuri u d-dinjità tal-bniedem, li għandhom isiru aktar sforzi biex ikun hemm għodda effiċjenti ta' awto- u ko-regolamentazzjoni, inkluż li wieħed jagħmel aktar użu mill-iskambju ta' l-aqwa prassi u l-kooperazzjoni fin-network, partikolarment fl-ambjent diġitali u online;

2.10 jirrakkomanda li l-proposta mħabbra fil-komunikazzjoni għandha tqiegħed importanza partikolari fuq il-promozzjoni ta' l-edukazzjoni fil-mezzi ta' komunikazzjoni billi, kif tinnota tajjeb il-Kummissjoni, "li tkun taf fejn issib l-informazzjoni

u kif tinterpretha llum il-ġurnata tfisser ħila essenzjali"; jirrakkomanda wkoll li din il-proposta meħtieġa ta' promozzjoni ta' l-edukazzjoni fil-mezzi ta' komunikazzjoni tkopri l-lingwistikollha ta' l-Unjoni Ewropea, hi u tiżgura livell minimu ta' rappreżentazzjoni u kontenut ta' informazzjoni għal kull wieħed minnhom;

2.11 jappoġġja s-salvagwardja tad-dritt għall-informazzjoni, inkluż informazzjoni marbuta ma' ġrajjiet li huma suġġetti għal drittijiet esklussivi u ġrajjiet ta' mportanza kbira għas-soċjetà; Il-KtR jisħaq il-fehma tiegħu li r-regoli għax-xandir ta' ġrajjiet kbar fuq it-televiżjoni bla ħlas għandhom ikunu flessibbli, filwaqt li wieħed iżomm f'moħħu l-karatteristiċi lingwistiċi speċifiċi ta' kull pajjiż individwali, u li għandha titqies it-tħejjija ta' lista Ewropea ta' ġrajjiet kbar; il-KtR jirrakkomanda wkoll li jitwaqqaf, fuq livell Ewropew, id-dritt ta' rappurtaġġ televiżiv qasir dwar tagħrif ta' nteress ġenerali;

2.12 jirrakkomanda li, minħabba l-iżvilupp san tas-suq Ewropew fil-kontenut awdjoviżiv, għandu jitqies aktar l-avanz taċ-ċinema u l-films televiżivi mhux, kif isir issa, skond l-arranġamenti ta' kwota preskritti fl-Artikoli 4 u 5 tad-Direttiva TVMF, iżda billi tippovdi aktar appoġġ għall-produzzjoni u d-distribuzzjoni bis-saħħa ta' programmi t'appoġġ; jenfasizza l-fehma tiegħu li, fl-evalwazzjoni ta' dawn ix-xogħolijiet, għandha titqies b'mod partikolari l-konservazzjoni tal-kultura Ewropea u l-impatt fuq il-politika reġjonali u l-ekonomija, għal dan il-għan programm speċifiku t'appoġġ għandu jiġi żviluppat għall-produzzjoni u d-distribuzzjoni ta' natura reġjonali u/jew bl-użu ta' ilsna Ewropej differenti;

2.13 jtenni r-rakkomandazzjoni tiegħu li, minħabba l-investimenti meħtieġa għat-tibdil lejn il-produzzjoni diġitali u t-tixrid, u l-fatt li x-xandir televiżiv lokali u reġjonali jipproduċi ħafna mill-materjal tiegħu stess, il-possibiltajiet t'appoġġ għas-servizzi televiżivi reġjonali u lokali għandhom jitħeġġu biex tiġi żgurata d-diversità kulturali u reġjonali meta t-televiżjoni taqleb għad-diġitali, għal dan il-għan qed issir proposta biex tingħata priorità għall-appoġġ ta' investiment fid-diġitalizzazzjoni tas-servizzi awdjoviżivi reġjonali;

2.14 jsostni li l-ħarsa mill-ġdid lejn id-direttiva TVMF għandha wkoll tiżgura li x-xandir tas-servizz pubbliku għandu l-ħila jaqdi dmiru skond ir-regoli ta' l-Istati Membri, għal dan il-għan qed issir proposta biex tingħata priorità għall-appoġġ ta' investiment fid-diġitalizzazzjoni tas-servizzi awdjoviżivi reġjonali;

Brussel, 17 ta' Ġunju 2004

Il-President

tal-Kumitat tar-Reġjuni

Peter STRAUB